# TEATRU MANOEL

# POLITEATRU

B'KOLLABORAZZJONI

MAT-TEATRU STATALI MAXIM GORKI TA' ROSTOV (USSR)

U

Ċ-ĊENTRU KULTURALI SOVJETIKU (MALTA)

JIPPREŻENTA

# PRASPAR MILL-PROVINĊJA

ŻEWĠ ATTI UNIĊI TAL-KOMMEDJOGRAFU
ALEXANDER VAMPILOV

*TRADUZZJONI* TATIANA EZHELENKO *U* PAUL VELLA

*DIREZZJONI* ALEXANDER SLAVUTSKI
(Artist Onorat tal-Federazzjoni Russa)

*KOSTUMI U XENARJU* ALEXANDER PATRAKOV

*KOORDINAZZJONI* MARIO AZZOPARDI

**2 u 3 ta' Novembru 1991**

## Dwar l-Awtur



**Alexander Vampilov** (1937-1972) twieled fis-Siberja u vvjaġġa ħafna bħala ġurnalist. Minħabba f'hekk, l-esperjenza tiegħu tal-ħajja kienet kbira. Bħala awtur tad-drammi, għażel il-vena tal-karikatura, fit-tradizzjoni ta' Gogol, Ċekov u Żoxinko. Dan l-istil ma kellux l-approvazzjoni ta' l-Awtoritajiet u, għal ħafna żmien, it-talent ta' dan l-awtur kien injorat. Kien fl-1964 li Vampilov kellu l-ewwel xogħol tiegħu imxandar uffiċjalment.

Vampilov ried jara lin-nies minn lenti sabiħa, b'saħħitha u pura. Kien jattakka lil dawk it-talin u lil dawk iċ-ċirkostanzi li ma kinux jippermettu viżjoni bħal din tal-ħajja. Kien għalhekk li beda juża l-karikatura biex jattakka bla ħniena lil dawk kollha li, fi kliem Gogol, awtur li Vampilov tant kien jammira, "kienu jwaqqgħu id-dinjità u s-sbuħija tal-bniedem".

Vampilov kien miet b'diżgrazzja.

## Dwar ir-Reġista



**Alexander Slavutski** hu wieħed mill-aktar reġisti magħrufin fil-Federazzjoni Russa. Għax-xogħol kbir tiegħu għall-palk, huwa ngħata t-titlu ta' Artist Onorat. Twieled fl-1947 fil-belt ta' Tcheliabinsk, fl-Urali, u studja l-ewwel f'belt twelidu u mbagħad fil-Fakultà tar-Reġisti ta' l-Akkademja Tshukin, f'Moska. Dam sena jaħdem f'Moska bħala direttur fit-Teatru Majakovski.

Fl-1987, Slavutski nħatar direttur tat-Teatru Statali Maxim Gorki fil-belt ta' Rostov-Na-Donu. Kemm ilu jmexxi t-Teatru Maxim Gorki, Slavutski stabbilixxa kuntatti tajbin mar-Renju Unit, mal-Ġermanja u ma' Malta.

Kien inġieb f'Malta għall-ewwel darba minn Politeatru (1990) u mbagħad ħadem fuq proġett Ingliż sponsorizzat mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u ż-Żgħażagħ. Fi protokol li ffirma ma' Politeatru, Slavutski daħal għal żewġ proġetti oħra importanti għal Malta. Din il-produzzjoni ta' Vampilov hi waħda minnhom, filwaqt li x-xahar id-dieħel, Slavutski għandu jerġa' jasal Malta bi grupp ta' atturi, mużiċisti u kantanti li se jippreżentaw verżjoni bl-Ingliż tal-kapulavur Amerikan, *Tom Sawyer*.

L-Atturi u t-Tekniċi

L-Ewwel Praspura: **Il-Metronpage**

| | |
|---|---|
| Victoria: | **Marvic Cordina Doughty** |
| Patapov: | **Raymond Calleja** |
| Marina: | **Maria Vella** |
| Koloxin: | **Lino Grech** |
| Rukosujev: | **Narcy Calamatta** |
| Kamajev: | **Noel D'Amato** |
| Ners: | **Miriam Muscat** |

**Intervall**

It-Tieni Praspura: **20 Minuta ma' l-Anġlu**

| | |
|---|---|
| Anċugin: | **Joe Camilleri** |
| Ugarov: | **Etienne St. John** |
| Vasuta: | **Lillian Pace** |
| Bazilski: | **Narcy Calamatta** |
| Homutov: | **Raymond Abdilla** |
| Stupak: | **Raymond Calleja** |
| Faina: | **Vickie Grech** |
| Traduzzjoni: | **Tatiana Ezhelenko** |
| | **Paul Vella** |
| Interpretu: | **Tatiana Ezhelenko** |
| Direzzjoni tal-Palk: | **Louis Taliana** |
| | **Carmel Zammit** |
| Irtokk: | **Lina Galea Cumbo** |
| Xeni u Kostumi: | **Alexander Patrakov** |
| Ħjata: | **Bernardette Bezzina** |
| | **Marlene Bezzina** |
| | **Connie Schembri** |
| Fotografija: | **Joe Borg** |
| Assistenta Produzzjoni: | **Daniela Degiorgio** |
| Koordinazzjoni: | **Mario Azzopardi** |
| Direzzjoni Artistika: | **Alexander Slavutski** |

## Għat-Teatru Manoel

| | |
|---|---|
| Dwal: | **Vanni Laus** |
| Mużika: | **Josef Fenech** |
| Mastrudaxxi tal-palk: | **Emmanuel Dalli** |
| | **Francis Mifsud** |
| Booking Clerk: | **Michelle Mangion** |

## Nota mid-Direttur ta' Politeatru

L-arti Russa, fl-isferi kollha tagħha, hi waħda prestiġġjuża u rispettata. Fit-teatru, ir-Russja għandha tradizzjoni twila u serja, u kien għalhekk li, sa mit-twaqqif tiegħu, Politeatru fittex li jistabbilixxi kuntatti ma' Moska u nħawi oħra fl-Unjoni Sovjetika. Politeatru gawda mis-servizzi ta' artisti bħad-drammaturgu Viktor Mrezhko, l-espert klassiku Niko Kiasashvili minn Giorgia, ir-reġista plastiku Andrei Drozhnin minn Moska u issa, Alexander Slavutski, minn Rostov-Na-Donu, il-belt fejn twieldu Ċekov u Solzhenitsin.

Politeatru qiegħed jerġa' jintroduċi mal-pubbliku Malti awtur ġdid li qatt ma nħadem fostna u mhemmx dubju li bħala poplu, aħna nistgħu nidentifikaw ruħna mal-karattri komiċi (u patetiċi) li jipproponi Vampilov.

Il-kuntatt Sovjetiku ta' Politeatru qiegħed ikompli jikber fl-iskop u nieħdu gost inħabbru li x-xahar id-dieħel, iċ-Ċentru Amerikan u ċ-Ċentru Sovjetiku f'Malta se jaħdmu id f'id magħna biex ikun ippreżentat spettaklu mhux tas-soltu għax-xahar tal-Milied. Se tkun esperjenza ewlenija fil-kalendarju teatrali Malti u l-Amerikani diġa' qegħdin jirreferu għall-proġett bħala "mini-cultural summit". *(Ara paġna 2)*

**MARIO AZZOPARDI**
*Direttur - Politeatru*

**POLITEATRU**
*jrodd ħajr lil*
**Golden Sands Hotel**
(Għajn Tuffieħa)
*u*
**Skuna Bar & Restaurant**
(Marsaxlokk)
għall-għajnuna konsistenti tagħhom.

*Printers:* Giov. Muscat & Co. Ltd.